

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14975/19

AGRILEG 215
VETER 108

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali - parti
integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq
adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ
TAL-ANNIMALI - PARTI INTEGRALI MILL-PRODUZZJONI SOSTENIBBLI
TAL-ANNIMALI**

BILLI

- (1) It-trattament xieraq tal-annimali huwa kwistjoni ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għe rikonoxxut bħala tali mil-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- (2) Stħarriġ tal-opinjoni pubblika jindika livell għoli ta' tħassib dwar it-trattament xieraq tal-annimali:
 - a. Fl-2015¹, l-Ewrobarometru wera li l-maġġoranza tar-rispondenti qiesu li kien jenħtieġ titjib fit-trattament xieraq tal-annimali tar-razzett (82 % tar-rispondenti) u f'dak tal-annimali tad-dar (74 % tar-rispondenti). Barra minn hekk, iċ-ċittadini jqisu li huwa importanti li l-prodotti importati minn barra l-UE jirrispettaw l-istess standards tat-trattament xieraq tal-annimali bħal dawk applikati fl-UE u li jenħtieġ li l-UE tagħmel aktar biex tippromwovi kuxjenza akbar dwar it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż fil-livell internazzjonali.

 - b. Fl-2018², skont l-Ewrobarometru, l-enfasi kemm tal-opinjoni pubblika kif ukoll tal-politika pubblika ċċaqalqet biex tiffoka aktar fuq il-kwalità tal-ikel, it-trattament xieraq tal-annimali u l-istandards ambjentali.

¹<https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/SPECIAL/search/Attitudes%20of%20Europeans%20towards%20Animal%20Welfare/surveyKy/2096>

²<https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/SPECIAL/search/Attitudes%20of%20Europeans%20towards%20Animal%20Welfare/surveyKy/2161>

- (3) It-trattament xieraq tal-annimali huwa marbut ukoll mas-sigurtà tal-ikel billi jikkontribwixxi għar-reżiljenza, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-eżiti ta' ekwità/responsabbiltà soċjali, kif konkluż mill-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Ikel Dinjija³. Barra minn hekk, trattament xieraq aħjar tal-annimali jipprovdi benefiċċji lill-produttur permezz ta' mortalità mnaqqsa, saħħa mtejba u kwalità, rendiment u prezz ogħla tal-prodott finali. Konsegwenza partikolarment importanti tat-trattament xieraq aħjar tal-annimali hija li l-annimali jkunu aktar reżistenti għall-patoġeni⁴. Dan inaqqas il-ħtieġa ta' medikazzjoni u għalhekk jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, u jappoġġa l-miżuri ta' bijosigurtà fil-ġestjoni tal-mard tal-annimali.
- (4) Il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali ġiet żviluppata gradwalment matul is-snin bil-ħsieb li jiġi żgurat aħjar it-trattament xieraq tal-annimali filwaqt li jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bdiewa u l-operaturi fl-UE. Madankollu, il-leġislazzjoni mhijiex komprensiva peress li ma tinkludix standards minimi speċifiċi għall-protezzjoni ta' ħafna annimali tar-razzett, bħal baqar tal-ħalib, frat tas-simna, nġaġ u mogħoż, ħut imrobbi, fniek imrobbija, għattuqa, dundjani, wiżż u papri.
- (5) Fl-2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u t-Trattament Xieraq tal-Annimali 2012-2015⁵ (l-Istrateġija 2012-2015), li identifikat lista ta' miżuri biex jittejbu l-istandards tat-trattament xieraq u jiġu appoġġati l-infurzar u l-konformità madwar l-UE.
- (6) Il-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ġiet stabbilita fl-2017 mill-Kummissjoni Ewropea. Il-pjattaforma kellha suċċess fil-promozzjoni ta' dialogu dwar kwistjonijiet tat-trattament xieraq tal-annimali fost l-awtoritajiet kompetenti, l-industrija, is-soċjetà ċivili u x-xjentisti, u b'hekk iffaċilitat il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenza oħra. Jeħtieġ li jiġi determinat il-futur tal-pjattaforma.

³ Il-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS), 2016. Rakkomandazzjonijiet dwar l-Iżvilupp agrikolu sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni: liema rwoli għall-popolazzjoni tal-bhejjem?

<http://www.fao.org/cfs/home/products/en/>

⁴ EFSA, 2017. Opinjoni xjentifika konġunta tal-EMA u tal-EFSA dwar miżuri biex jitnaqqas il-ħtieġa li jintużaw aġenti antimikrobiċi fit-trobbija tal-annimali fl-Unjoni Ewropea, u l-impatti li jirriżultaw fuq is-sikurezza tal-ikel (RONAFA). EFSA Journal 15 (1).

<https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2017.4666>

⁵ European Union Strategy for the protection and welfare of animals 2012-2015 (L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali 2012-2015)

https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/animals/docs/aw_eu_strategy_19012012_en.pdf

- (7) Abbażi tal-Artikoli 95 u 96 tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, il-Kummissjoni nnominat żewġ ċentri ta' referenza għat-trattament xieraq tal-annimali. L-ewwel wieħed ġie stabbilit f'Marzu 2018 u jkopri t-trattament xieraq tal-majjali u t-tieni ġie stabbilit f'Ottubru 2019 u jkopri t-trattament xieraq tat-tjur tat-trobbija u ta' annimali tar-razzett żgħar oħra. Hemm ħtieġa li jiġi żgurat li ċ-ċentri ta' referenza jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom u jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-aktar sejbiet reċenti tar-riċerka, tekniki ġodda, indikaturi tat-trattament xieraq tal-annimali u prattiki tajba meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni u l-verifika tal-konformità.
- (8) Saru sejħiet għal aktar azzjoni ma' ċerti Stati Membri li jenfasizzaw il-ħtieġa għal regolamentazzjoni aħjar, trattament xieraq tal-annimali aħjar u sensibilizzazzjoni dwar l-istandards u l-għarfien tal-UE (eż. id-Dikjarazzjoni Konġunta tad-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali tal-14 ta' Diċembru 2014⁶ u d-Dokument ta' pożizzjoni tad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE⁷). Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal leġislazzjoni aktar komprensiva u infurzar aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti⁸ u⁹. Fl-2016, il-Kummissjoni kkonkludiet frapport¹⁰ li n-nuqqas ta' infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE jirrappreżenta waħda mill-problemi ewlenin li jaffettwaw it-trattament xieraq tal-annimali u li jinħtieġ li r-regoli jinftiehm u aħjar.
- (9) Taħt il-Presidenza Bulgara, dik Awstrijaka u dik Rumena, saru diskussjonijiet fil-fond dwar l-isfidi tat-trasport fuq distanzi twal għat-trattament xieraq tal-annimali. Minkejja l-progress li sar fuq l-infurzar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar it-trasport tal-annimali, għad fadal nuqqasijiet u inkonsistenzi ċari. Jeħtieġ li r-regoli jiġu infurzati aħjar, inkluż ir-regoli li jkopru t-temperaturi u l-ħinijiet tal-vjaġġi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat użu aħjar tal-kontrolli retrospettivi u tas-sistema TRACES kif ukoll li jkun hemm kooperazzjoni attiva bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u fpajjiżi terzi.

⁶ 16923/1/14 REV 1

⁷ 5708/16

⁸ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2015 dwar strateġija ġdida għall-benessri tal-annimali għall-2016-2020 http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2015-0417_MT.html?redirect

⁹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2019 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0132_MT.html

¹⁰ Il-Kummissjoni tal-UE, 2016. Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016DC0558>

- (10) Matul is-snin, ġew ippubblikati diversi linji gwida, studji u rapporti tal-UE li jkopru suġġetti relatati mat-trattament xieraq tal-annimali bħall-qtil, it-trobbija, it-trasport, l-edukazzjoni, l-informazzjoni tal-konsumatur u t-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates involuti fi Prattiki kummerċjali. Madankollu, minkejja sforzi konsiderevoli f'ħafna Stati Membri, id-dgħufijiet fl-infurzar tal-leġislazzjoni ma jistgħux jiġu solvuti sempliċiment permezz ta' gwida jew informazzjoni, waqt li l-leġislazzjoni hija miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti.
- (11) Għadd ta' opinjonijiet xjentifiċi reċenti maħruġa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u pubblikazzjonijiet xjentifiċi oħra huma disponibbli u jistgħu jintużaw biex jgħinu fit-tnejn u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali.
- (12) Il-leġislazzjoni mhijiex l-uniku mezz li bih jista' jiġi promoss it-trattament xieraq tal-annimali, u hemm disponibbli għadd ta' miżuri volontarji, bħall-istandards tal-kwalità u l-programmi dwar it-trattament xieraq tal-annimali. F'xi Stati Membri diġà nbdew programmi volontarji għat-trattament xieraq tal-annimali konnessi ma' tikkettjar speċjali. Dawn intlaqgħu tajjeb mill-konsumaturi, li setgħu jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' konsum tagħhom fuq kunsiderazzjonijiet tat-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li l-produtturi kisbu premju għall-isforzi tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kredibbiltà ta' tali skemi.
- (13) Fl-2019, il-Kunsill adotta konkluzjonijiet¹¹ ibbażati fuq rapport tal-Qorti tal-Awdituri¹² li rrikonoxxa xi progress sinifikanti f'oqsma bħall-akkomodazzjoni fi grupp ta' majjali nisa u l-projbizzjoni fuq gaġeġ mhux arrikkiti għat-tiġieġ li jbidu. Il-konklużjonijiet innotaw li kien għad fadal xi dgħufijiet fir-rigward tal-konformità mal-istandards minimi u li r-riżorsi finanzjarji tal-politika agrikola komuni jistgħu jintużaw aħjar biex jiġu promossi standards oġhla tat-trattament xieraq tal-annimali.

¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Frar 2019) <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11073-2019-INIT/mt/pdf>

¹² Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Rapport speċjali Nru 31/2018 dwar il-benessri tal-annimali fl-UE <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=47557>

- (14) Fl-2019, il-Parlament Ewropew¹³ stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu bidla, fejn possibbli, lejn it-trasport ta' laħam jew karkassi, minflok annimali ħajjin. Il-Parlament Ewropew għamel ukoll rakkomandazzjonijiet oħra dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar it-trasport u l-prosekuzzjoni ta' ksur.
- (15) Ikun siewi li ssir aktar diskussjoni dwar l-aspetti ta' sostenibbiltà tat-trasport fuq distanzi twal ta' annimali ħajjin u l-impatt tad-diversi mottivi tal-kummerċ.
- (16) Fir-rapport tagħha dwar il-kompetittività tal-produtturi Ewropej tal-bhejjem (2018)¹⁴, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali ma kinux kritiċi fid-determinazzjoni tal-kompetittività tal-ispiża relattiva. Hija kkonkludiet ukoll li fatturi oħra bħall-ispejjeż tax-xogħol jew tal-ġhalf kellhom rwol ħafna akbar. Min-naħa l-oħra, hija nnutat li l-UE kienet influwenti ħafna biex tqajjem kuxjenza dwar l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali globalment u li jeħtieġ li dawn l-isforzi jitkomplew.
- (17) F'Mejju 2019, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tal-Istrateġija 2012-2015, kif rakkomandat fir-rapport tal-QEA. L-ġhan tal-evalwazzjoni huwa li jiġi evalwat kemm l-Istrateġija tal-UE tkun kisbet l-oġettivi maħsuba tagħha u kemm dawk l-oġettivi jibqgħu rilevanti u koerenti llum. L-evalwazzjoni hija skedata għall-adozzjoni sa tmiem l-2020.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JENFASIZZA li t-trattament xieraq tal-annimali huwa parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali.
- (2) JENFASIZZA li t-trattament xieraq tal-annimali b'mod ġenerali jtejjeb is-saħħa tal-annimali u jnaqqas il-ħtieġa li jintużaw l-antibijotiċi, u konsegwentement inaqqas ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet il-miżuri tat-trattament xieraq tal-annimali jeħtieġ li jiġu aġġustati għas-sitwazzjoni tal-mard tal-annimali biex tiġi żgurata bijosigurtà suffiċjenti.

¹³ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0132_MT.html

¹⁴ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt tal-attivitajiet internazzjonali għat-trattament xieraq tal-annimali fuq il-kompetittività tal-produtturi Ewropej tal-bhejjem f'dinja globalizzata <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016DC0558>

- (3) JIRRIKONOXXI li l-leġislazzjoni tal-UE u l-attivitajiet volontarji dwar it-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll l-investimenti mill-bdiewa u minn operaturi oħra wasslu għal titjib fit-trattament xieraq tal-annimali.
- (4) JILQA' l-valutazzjoni esterna tal-eżitu tal-Istrateġija 2012-2015 u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Strateġija ġdida li tiegħu kont ukoll ta' dik il-valutazzjoni.
- (5) JIRRIKONOXXI li filwaqt li hemm leġislazzjoni ġenerali li tindirizza t-trattament xieraq tal-annimali kollha miżmuma għal finijiet ta' biedja u leġislazzjoni aktar speċifika li tittratta l-għoġġiela, il-majjali, it-tiġieġ tas-simna u t-tiġieġ li jbidu, il-leġislazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali tista' tiġi żviluppata jew aġġornata aktar biex jittieħed kont tal-problemi prattiċi fil-leġislazzjoni eżistenti, l-għarfien xjentifiku aktar reċenti u l-iżvilupp tekniku sabiex jittejbu t-trattament xieraq tal-annimali u l-armonizzazzjoni. Ir-rekwiżiti eżistenti li jeħtieġu aktar żvilupp huma, b'mod partikolari, it-trasport tal-annimali, it-trattament xieraq tal-majjali, proċessi li jikkawżaw l-uġiġħ u indikaturi tat-trattament xieraq tal-annimali. JISĦAQ fuq il-fatt li jistgħu jittejbu l-kundizzjonijiet għall-qatla tal-annimali, b'mod partikolari billi tiġi inkoraġġuta r-riċerka xjentifika dwar l-isturdament u l-"isturdament sempliċi" skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1099/2009.
- (6) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa għal u l-impatt ta' leġislazzjoni ġdida li tkopri l-ispeċijiet kollha tal-annimali miżmuma fil-kuntest ta' attività ekonomika li għaliha ma teżistix leġislazzjoni speċifika dwar it-trattament xieraq tal-annimali fil-preżent, b'mod partikolari frat ta' mill-inqas sitt xhur, il-fniek imrobbija, l-għattuqa, il-klieb u l-qtates iżda wkoll id-dundjani, it-tiġieġ tas-simna u tiġieġ tat-tnissil li jbid, in-nagħaġ, il-mogħoż u l-ħut imrobbi.
- (7) JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport fuq distanzi twal. Bħala mira għal terminu ta' żmien qasir, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti dwar it-trasport, inkluż permezz ta' aktar żvilupp ta' modi li bihom isir skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u JAPPELLA għal aktar diskussjoni f'fora differenti dwar is-sostenibbiltà ta' kummerċ f'annimali haġġin meta mqabbel mal-laħam. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tirrevedi u taġġorna r-Regolament (KE) Nru 1/2005.

- (8) IFAKKAR li kwalunkwe emenda għal-leġislazzjoni eżistenti jew leġislazzjoni ġdida jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-aħħar riċerka xjentifika u esperjenza mill-Istati Membri u li jenħtieġ li tinbeda riċerka xjentifika ġdida meta jkun meħtieġ.
- (9) JENFASIZZA li jenħtieġu wkoll l-għarfien espert xjentifiku u aktar koordinazzjoni sabiex jiġi armonizzat l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li l-isforzi ta' infurzar armonizzat jiġu appoġġati mill-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar it-trasport tal-annimali u jagħmlu użu mill-informazzjoni pprovduta miċ-Ċentri ta' Referenza tal-UE għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.
- (10) JAPPREZZA l-attivitajiet tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u JAPPOĠĠA l-kontinwazzjoni tagħha bħala forum siewi li fih jiġi promoss id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħidma tal-Pjattaforma u tiżviluppaha aktar, speċjalment f'termini ta' involviment aħjar tal-Istati Membri kollha.
- (11) JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tipprovdi riżorsi suffiċjenti għaċ-ċentri ta' referenza tal-UE għat-trattament xieraq tal-annimali u tiftaħ sejħa għal ċentri addizzjonali li jkopru, pereżempju, ir-ruminanti u l-ekwidi, inkluż l-operazzjonijiet tagħhom tat-trasport u l-qatla.
- (12) JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa għal u l-impatt ta' qafas regolatorju tal-UE bi kriterji għal skemi ta' tikkettjar tat-trattament xieraq tal-annimali filwaqt li jittieħed kont tal-esperjenza nazzjonali.
- (13) JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jagħmlu użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi finanzjarji tal-politika agrikola komuni biex itejbu ġenwinament it-trattament xieraq tal-annimali.
- (14) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali globalment kif ukoll il-kompetizzjoni li l-bdiewa tal-UE qed jiffaċċjaw fil-kummerċ globali u, konsegwentement, JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi inkluż sa fejn huwa possibbli t-trattament xieraq tal-annimali fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles u JQIS dawn il-ftehimiet bħala wieħed mill-modi ta' kif jiġi promoss globalment it-trattament xieraq tal-annimali.

- (15) JILQA' b'sodisfazzjon kbir l-involviment attiv tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri tal-UE fl-iżvilupp tal-istandards, il-linji gwida u l-attivitajiet l-oħra tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (OIE), inkluż il-Pjattaforma tal-OIE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali fl-Ewropa kif ukoll il-ġemellaġġ, it-taħriġ u attivitajiet internazzjonali oħra. JINKORAĠĠIXXI t-tkomplija ta' dik il-ħidma b'enfasi partikolari fuq pajjiżi li jiġu esportati lilhom annimali ħajjin u li minnhom jiġu importati prodotti tal-annimali fl-UE. Barra minn hekk, JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni tal-applikazzjoni tal-istandards tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE dwar it-trasport ta' annimali bl-art u bil-baħar, dwar il-qatla u dwar sistemi ta' produzzjoni ta' annimali tar-razzett.
- (16) JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw aktar komunikazzjoni u edukazzjoni għall-pubbliku, l-operaturi u s-sħab kummerċjali dwar ir-rwol essenzjali tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali fl-appoġġ għas-saħħa tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel u settur agroalimentari sostenibbli.